**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 178/1989**

**Alex, Michael, Joseph, Theresa Portelli mart Raymond, ilkoll ahwa Vella, Georgina Vella, armla minn John, f'isimha proprju u ghan-nom u in rappresentanza tal-assenti uliedha Mary Byrne mart John u Carry Rhodes armla minn Dennis u permezz ta' nota tar-rikorrenti l-ohra huma assumew l-istess l-atti minnflok ommhom Georgina Vella li mietet fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**Carmela Agius armla minn Gerald u b'digriet tad-9 ta' Gunju 2000 l-atti kienu legittimati f'isem Isabelle Cremona**

**Illum, 04 ta' Awissu 2016,**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

> Illi huma jikru lill-intimata l-fond numru 29, Triq Bajada, Zabbar, bil-kera ta' erbgha u hamsin lira Maltin (Lm54) fis-sena, li jithallas bis-sitt xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-ewwel (1) ta' Mejju, 1990;
>
> Illi huma ghandhom bzonn dan il-fond ghal uhud mill-familjari taghhom li jinsabu msiefrin u jixtiequ jigu joqghodu Malta, u lill-intimata, jekk ma ssibx akkomodazzjoni alternattiva, lesti li jikrulha l-fond taghhom bla numru, li jinsab fi Triq G. Agius Muscat, Zabbar, kif jigi spjegat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza;
>
> Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitolbu li jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond 29, Triq Bajada, Zabbar.

Ra wkoll ir-risposta ta' l-intimata li tghid:

Illi preliminarjament ir-rikorrenti Georgina Vella ghandha tipprova li hija fil-pussess ta' prokura li tintitolha tidher f'din il-procedura ghan-nom tal-assenti Mary Byrne u Carry Rhodes.

Illi fit-tieni lok mhux minnu li xi membri tal-familja tar-rikorrenti li jinsabu imsiefrin ser jirritornaw f'dawn il-Gzejjer u ghalhekk ma jezisti ebda bzonn li l-istess rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond de quo.

Illi fl-ahharnett Triq G. Agius Muscat u l-fondi hemm sitwati mhumiex tal-istess livell paragunati ma' Triq Bajada u l-fondi hemm sitwati u in oltre l-fondi sitwati f'G. Agius Muscat Street, Zabbar m'ghandhomx il-kumditajiet u l-vantaggi li tgawdi l-esponenti fil-fond lilha mikri mir-rikorrenti.

Ghalhekk t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra s-sentenza moghtija minn dan il-Bord tas-27 ta' Jannar 1997;

Ra s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tat-30 ta' Ottubru 1997;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti tal-21 t'April 2014;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-intimata tat-18 ta' Gunju 2014;

Ra illi fis-seduta tad-19 ta’ Ottubru 2015 ir-rikorrenti ddikjaraw li se jistriehu fuq in-nota ta’ sottomissjonijiet gia prezentata u l-kawza regghet thalliet ghas-sentenza quddiem il-Bord diversament presedut;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitolbu li jigu awtorizzati jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond 29, Triq Bajada, Zabbar, stante illi huma ghandhom bzonn dan il-fond ghal uhud mill-familjari taghhom li jinsabu msiefrin u jixtiequ jigu joqghodu Malta, u lill-intimata, jekk ma ssibx akkomodazzjoni alternattiva, lesti li jikrulha l-fond taghhom bla numru, li jinsab fi Triq G. Agius Muscat, Zabbar.

Illi l-intimata teccepixxi li r-rikorrenti trid tipprova li ghandha l-prokura biex tagixxi f’isem Mary Byrne u Carry Rhodes; li mhux minnu li r-rikorrenti jehtiegu l-fond u li l-fond li qed jigi offrut mhux ta’ l-istess livell ta’ dak li qed tokkupa l-intimata.

Illi l-ewwel eccezzjoni gia giet deciza bis-sentenza moghtija mill-Bord fis-27 ta’ Jannar 1997, u ghalhekk il-Bord mhux se jerga’ jidhol fiha.

Is-sentenza tal-lum ghalhekk tikkoncerna biss il-mertu tal-kawza odjerna.

Illi r-rikorrenti ressqu diversi provi biex juru li ghandhom bzonn il-fond ghalihom infushom jew ghal uhud minnhom. Dan jirrizulta mill-affidavits tar-rikorrenti stess Mary Byrne, markat Dok GV1, a folio 7 tal-process u

mix-xhieda tar-rikorrenti (a) Georgina Vella a folio 11 u 52 tal-process u (b) Theresa Portelli a folio 15 tal-process. Mhux biss izda wkoll mill-fatt illi l-istess Mary Byrne u Carry Rhodes fattwalment nizlu jghixu hawn Malta fil-mori tal-proceduri u kienu qed jghixu wahda ma' ommhom kif tixhed l-istess Carry Rhodes a folio 18 tal-process u l-ohra ma' ohtha kif jixhdu l-istess Mary Byrne u Theresa Portelli fix-xhieda taghhom a folio 7 u folio 20 u folio 15 rispettivament tal-process. U dan b'inkonvenjenzi kbar u biss bi pjacir.

Mix-xhieda ta' Carry Rhodes a folio 23 tal-process jirrizulta wkoll illi hija kienet qed tistenna l-wasla tal-container mill-Amerika b'dak appartenenti lilha stante li rritornat Malta permanentament.

Illi huwa sinjifikanti illi fil-mori tal-kawza mietet kemm ir-rikorrenti omm l-ahwa Vella kif ukoll l-intimata li kienet l-inkwilina originali Carmela Agius.

Illi jirrizulta li l-fond li kien mikri originarjament kien fih zewg bibien wiehed fi Triq Bajada u l-iehor fi Triq G. Agius Muscat. Illi l-pjanta esebita a folio 37 tal-process turi kif il-fond gie maqsum mill-inkwilina f'zewg abitazzjonijiet, haga li l-inkwilina ma setghetx taghmel. F'wahda minnhom baqghet tghix l-inkwilina u fl-ohra bdiet tghix bintha. Il-fond offrut mir-rikorrenti sabiex tghix fih l-intimata bhala akkomodazzjoni alternattiva huwa proprju dak bil-bieb minn Triq G. Agius Muscat.

Illi rrizulta wkoll li l-intimata ghandha post iehor taghha fejn tghix u fix-xhieda taghha a folio 33 tal-process tghid illi gieli kienet tinzel fih. Il-fond igib in-numru 7, Triq Fuq il-Batterija tal-Grazzja, Xghajra. Tiddeskrivi dan

il-fond bhala fond zghir pero ma ngabet l-ebda prova dwar l-ambjenti ta' dan il-fond.

Mhux biss izda fix-xhieda taghha l-intimata Carmela Agius tghid ukoll illi bintha li marret tghix maghha ghandha dar taghha li ggib in-numru 23, Triq ir-Redentur, Zabbar.

Illi minn dan kollu ghalhekk jirrizulta illi l-*hardship* li setghet tbati minnu l-intimata huwa ferm inqas mill-*hardship* li qeghdin ibatu whud mir-rikorrenti stante illi dawn m'ghandhomx post taghhom fejn joqoghdu. Mhux biss izda maghhom qed ibatu wkoll il-familjari taghhom, ir-rikorrenti l-ohra li qed jospitawhom.

Tressqu wkoll xhieda li kienu nteressati jixtru l-imsemmi fond li whud minnhom kienu offrew ukoll illi jibnu akkomodazzjoni alternattiva lill-intimata izda minn dan kollu ma sehh xejn.

Illi jirrizulta wkoll illi f'xi zmien bint l-intimata ma baqghetx tghix maghha u baqghet biss tghix maghha n-neputija Isabella Cremona li assumiet l-atti minflok l-intimata originali Carmela Agius meta din mietet.

Fl-ahhar zmien ta' hajjitha Carmela Agius telqet mill-imsemmi fond u marret tghix ma' binha Leonard Agius fejn ghamlet madwar tmien xhur. Dan kif jixhed binha stess Leonard Agius a folio 79 tal-process, kif ukoll kif tixhed l-istess intimata Isabella Cremona a folio 94 tal-process, li tghid ukoll illi hija ma setghetx iddur b'nannitha minhabba x-xoghol taghha. Carmela Agius ma setetx tibqa' tghix fil-fond mertu tal-kawza u fil-fatt ma baqghetx tghix hemmhekk ghax l-intimata attwali Isabella Cremona kienet tohrog tahdem. Carmela Agius qatt ma rritornat lura fil-fond mertu tal-

kawza. Illi ghalhekk ma jistax jinghad li l-intimata attwali Isabella Cremona setghet tissuccedi lil nannitha fil-kirja ghaliex fil-gurnata tal-mewt taghha Carmela Agius ma kinitx ghadha tokkupa l-imsemmi fond. Dwar dan hemm diversi provi. Illi ma hux bizzejjed li hija kienet ghadha registrata bhala votant fl-indirizz ta' l-imsemmi fond stante illi dan l-element wahdu ma jikkostitwixxix prova ta' residenza. Aktar u aktar fil-kawza odjerna fejn ingabu diversi provi li Carmela Agius kienet marret tghix ma' binha u dan il-punt ma hux kontestat mill-intimata attwali.

Lanqas ma jista' jinghad illi fil-gurnata tal-mewt ta' l-inkwilina l-intimata attwali Isabella Cremona kienet tghix ma' l-inkwilina Carmela Agius fil-fond mikri lill-istess Carmela Agius.

Dawn huma z-zewg elementi rikjesti mil-ligi sabiex persuna li tikkwalifika sabiex tissuccedi kirja tkun tista' tissuccedi l-istess kirja u tibqa' tgawdi l-istess kirja.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jilqa' t-talba tar-rikorrenti ghar-ripreza tal-fond. Ghall-fini ta' zgumbrament jipprefiggi terminu ta' tletin jum mil-lum. Spejjez a karigu ta' l-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur